**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 254/2018**

**Il-Pulizija**

**(Assistant Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**

**Vs.**

**Hashem Amin**

**u**

**Omissis**

**Illum 30 t'April, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

"**Hashem Amin**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 198591M; u

**Omissis**

U nakkuzahom talli:

1. Fit-3 ta' Settembru 2005, fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar.

2. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, u cioe' tnejn u ghoxrin (22) traveller's cheques bil-valur USD100 il-wiehed, kif ukoll erbghin (40) traveller's cheques bil-valur ta' EUR100 il-wiehed, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonjiet, obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe tnejn u ghoxrin (22) traveller's cheques bil-valur USD100 il-wiehed, kif ukoll erbghin (40) traveller's cheques bil-valur ta' EUR100 il-wiehed, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew raham minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment

pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew xjentement ghamlu uzu min wahda min dawn il-karti.

4. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

5. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan.

6. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm735.20 bi hsara tas-socjeta finanzjarja Eurochange.

Lil Hashem Amin wahdu nakkuzawh talli:

7. Fil-5 u fis-6 ta' Settembru 2005, fil-Qawra b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, u cioe disghin (90) traveller cheques bil-valur ta' EUR100 il-wiehed,

b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsin minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew bidel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skrittura kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

8. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe disghin (90) traveller cheques bil-valur ta' EUR100 il-wiehed, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew xjentement ghamel uzu min wahda min dawk il-karti.

9. Fil-istess zmien, lok u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

10. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikli ta' qabel dan.

11. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginjarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' EUR9000 bi hsara tas-socjeta' Oracle Casino.

Lil -omissis- wahdu nakkuzah talli:

12. B'hekk sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gejt ikkundannat ghal reat sentenza mill-Qrati tal-Magistrati li saret defenittiva."

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti senjatament ix-xhieda ta' l-ispettur Mario Tonna, l-Ispettur Joseph Cordina, Araham Schirer, Roberta Sant, Lorraine Grima, Abigail Micallef u Geoffrey Gauci Grech.

Rat ix-xhieda ta' l-Espert Martin Bajada kif ukoll ir-rapport prezentat minnu (esebiti a folio 161-178 tal-process).

Il-Qorti rat in-nota ta' l-Avukat Generali datata 30 ta' Mejju 2018 (esebita a folio 256 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

A. Fil-konfront ta' Hahsem Amin

(1) Fl-artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Fl-artikoli 169 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Fl-artikoli 189 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Fl-artikoli 308, 309 u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(9) Fl-artikoli 169 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(10) Fl-artikoli 189 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(11) Fl-artikoli 308, 309 u 310(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(12) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B. Fil-konfront ta' Omissis

(1) Fl-artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Fl-artikoli 169 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Fl-artikoli 189 u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Fl-artikoli 308, 309 u 310(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(7) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Lulju 2020, l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li matul l-istess udjenza u cioe' tad-29 ta' Lulju, 2020 l-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan skont kif gie speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur aktar qabel.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-

akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghi kif minnu ammessi.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjonijiet u li l-involviment tieghu kien minimu minkejja li tali akkuzi huma ta' natura serja ferm. It-trapass ta' kwazi hmistax-il snin minn mindu raw il-bidu taghhom dawn il-proceduri mhux hux ser jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena li trid tigi imposta stante illi tali dewmien kien primarjament dovut ghan-nuqqas tal-imputat illi jidher quddiem il-Qorti. Tenut kont ta' dawn il-fatturi u tal-fatt illi f'dawn l-ahhar snin l-imputat skonta sentenza barra minn Malta liema zmien din il-Qorti tittama li serva ta' rijabilitazzjoni ghall-imputat, din il-Qorti taghzel li tittratta mal-imputat u ma hiex ser timponi piena karcerarja effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali, a folio 256 tal-process u cioe' 83A, 18, 183, 167, 169, 184, 189, 189A, 308, 309, 310(a)(b), 17, 23,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' snin

mil-lum u in oltre tikkundannah ihallas l-ispejjez relatati mal-hatra ta' l-espert Martin Bajada fl-ammont ta' mija u tmienja u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€188.68).

Il-Qorti spjegat lill-hati l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi tal-istess jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u l-imputat jiddikjara illi fehem l-istess.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur